**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-ERBGHA 29 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 978/02 AJD**

**BIM Limited**

**vs**

**Taher Dahmani**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u disgha u tletin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm539.98), rapprezentanti prezz ta' ghamara mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess kif jirrizulta mill-istatement of account (Dok. A).Il-konvenut baqa' ma efeftwax il-hlas dovut minkejja li gie interpellat sabiex jaghmel dan anki permezz ta' ittra ufficjali tat-2 ta' Ottubru, 2001.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Ottubru, 2001, u bl-imghax kummercjali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Ian Spiteri Bailey,in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u disgha u tletin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm539.98), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Ottubru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**